**Laqgha Numru 28/K6/2011**

**Introduzzjoni**

It-Tmienja u Ghoxrin Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar l-Erbgha 7 ta' Dicembru 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Kunsilliera Lauro Fava ***(li wasal fis-6.30pm)***, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien skuzat. **(Ara Dok. A)**

Ghal xi hin kien hemm il-prezenza tal-pubbliku.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fid-29 ta' Novembru 2011. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 27/K6/2011.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 27/K6/2011.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Decizjoni dwar Tenders 05 sa 11/2011 u kwotazzjonijiet 26 sa 36/2011.**

**10. L-istat tal-Playing fields / gonna fil-lokal.**

**11. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**12. Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 27/K6/2011.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 27/K6/2011 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 27/K6/2011.

2.01. B'riferenza ghall-**Minuti 27/K6/2011 item 2.06** fejn dwar l-attivita' tat-tfal il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li din ghandha ssir nhar il-Hadd 18 ta' Dicembru 2011 fejn l-ewwel jittiehdu jisimghu Quddiesa u wara jaraw film l-Eden Cinema, is-Sindku Joe Zammit qal li minhabba problema fil-hinijiet din l-attivita' ghandha ssir wara nofsinhar il-Hadd u ghalhekk il-kuncett tal-Quddiesa ser jitnehha. Il-Kelliem ippropona wkoll li fuq il-poster li ser jitqassam lir-residenti m'ghandu jitnizzel l-ebda dikasteru.

2.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ssekondat.

2.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.04. B'riferenza ghall-**Minuti 27/K6/2011 item 2.09**, ghall-Minuti 26/K6/2011 item 2.14 u ghall-Minuti 25/K6/2011 item 18.30 fejn fuq proposta tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli s-Sindku Joe Zammit kien ippropona li wara li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jigbor l-informazzjoni ta' dawk ir-residenti kollha li matul iz-zmien talbu koncessjoni biex jindukraw art minghand il-Kunsill, huwa kien offra li huwa jimmarka l-pjanti ndikata, is-Sindku Joe Zammit qal li din il-pjanta ghad trid issir fil-gimghat li gejjien.

2.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa kien provda lis-Sindku Joe Zammit lista tas-siti ndikata. **(Ara Dok. B - 46/7145/11/O)**

2.06. Is-Sindku Joe Zammit qal li din l-ispezzjoni ser issir il-gimgha li gejjien flimkien u fil-prezenza ta' membri ohra tal-Kunsill fejn wara ser issir pjanta dettaljata ta' kull sit.

2.07. B'riferenza ghall-**Minuti 27/K6/2011 item 2.17** u ghall-Minuti 26/K6/2011 item 13.16 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill, jekk huwa possibbli, jixtri dawn il-globi ta' Gnien Jum Pembroke direttament minghand l-impurtatur kif ukoll li tintalab kwotazzjoni ghat-twahhil taghhom, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill stima li kien gabar minghand il-kumpanija E. Calleja. (46/7221/11/I)

| | |
|---|---|
| **46/6309/11/I**<br>26/10/2011 | Email minghand il-Mica Med Ltd. fejn baghtu kwotazzjoni ghall-provvista u nstallazzjoni ta' 5 energy saving floodlight li jammontaw ghall-€1,091.50 flimkien ma' brochure. |

2.08. B'riferenza ghall-**Minuti 27/K6/2011 item 6.05** u ghall-korrispondenza numru 46/6309/11/I fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona biex il-Kunsill ifittex sistemi ohra u jesplora x'hemm irhas fis-suq biex jiddawwal ahjar id-dawra tal-binja tal-Kunsill, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill stima li kien gabar minghand il-Kumpanija E. Calleja. (46/7222/11/I)

2.09. B'riferenza ghall-**Minuti 27/K6/2011 item 6.21** fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill jorganizza korsijiet tal-kompjuters fil-Kunsill, issa ladarba l-Kunsill ghandu numru ta' kompjuters disponibbli, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-flyer lir-residenti ghandha tinhareg fid-9 ta' Jannar 2012 b'lista ta' korsijiet addatata u eventwalment, skond ir-rispons tar-residenti, tinhareg sejha pubblika biex jingabru l-kwotazzjonijiet minghand il-kumpaniji nteressata. Il-kelliema ppproponiet li tinhareg ukoll flyer ghal korsijiet ohra edukattivi.

2.10. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.12. B'riferenza ghall-**Minuti 27/K6/2011 item 6.24** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill ghandu jara xi spejjez hemm bzonn biex jithaddmu l-kompjuters li l-Kunsill ircieva minghand l-MCA, is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jixtri hadid hollow section biex jigu nfurzata l-imwejjed li ghandu l-Kunsill.

2.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6641/11/I** 07/11/2011 Email minghand il-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali fejn talbu lill-Kunsill jidentifika sit sabiex jithawwlu sigar mill-kampanja 34U.

2.15. B'riferenza ghall-**Minuti 27/K6/2011 item 6.115** u ghall-korrispondenza numru 46/6641/11/I fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona biex il-Kunsill isib sit fil-lokal u jinfurmaw lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sa nhar il-Gimgha 25 ta' Novembru 2011 biex jintuza ghal dan il-ghan, is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-siti ghandhom ikunu: 1) Il-Gnien ta' San Patrizju u l-madwar; 2) Triq Manuel Buhagiar faccata ta' San Giorgio Pharmacy u l-maqrut li hemm fid-direzzjoni lejn Triq il-Mediterran; 3) Triq il-Mediterran madwar is-sit tal-Girna; 4) Is-sit fi Triq Burma kantuniera ma' Triq Camillo Sciberras in-naha ta' fuq; 5) Ic-Centre Strip fi Triq Patri Indri Vella; 6) Is-sit ta' bejn il-Park & Ride u Triq Sant'Andrija u 7) Hdejn il-garaxxijiet in-naha t'isfel f'San Patrizju.

2.16. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

2.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.18. B'riferenza ghall-**Minuti 27/K6/2011 item 12.04** fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li fi zmien il-Milied il-Kunsill ghandu jaghti rikonoxximent lill-anzjani tal-lokal li ghandhom aktar minn 90 sena, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li mill-informazzjoni li ghandu l-Kunsill skond ir-Registru Elettorali jirrizulta li hemm 3 persuni.

2.19. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jekk ikun hemm ukoll persuni li ghalkemm mhux registrata fil-lokal, xorta wahda joqghodu fil-lokal, dawn ukoll ghandhom jinghataw rikonoxximent. Il-kelliema ipproponiet ukoll li dawn jinghataw rikonoxximent u li tali tifkira jinxtara minghand Horace Enterprises bl-ispiza ma tkunx t'aktar minn €25.00 il-wahda. Il-kelliema ipproponiet li din ghandha tkun policy tal-Kunsill u tibda ssir kull sena.

2.20. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 92/2011** b'rapport tal-Bord ta' l-Ghazla – Kwotazzjonijiet 31 u 34/2011 **(Ara Dok. C); Internal Memo 93/2011** b'rapport tal-Bord ta' l-Ghazla – Tender 05 sa 11/2011 u l-kwotazzjonijiet 26 sa 36/2011 **(Ara Dok. D); Internal Memo 94/2011** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha 27/K6/2011 u 28/K6/2011 **(Ara Dok. E); Internal Memo 95/2011** b'rapport tal-laqghat li saru bejn il-laqgha 27/K6/2011 u 28/K6/2011 **(Ara Dok. F); Internal Memo 96/2011** b'rapport tal-ftuh tal-kwotazzjonijiet 37/2011 **(Ara Dok. G)** u Flyer dwar Attivita' tal-Milied ghall-Anzjani, Attivita' ghar-Residenti, Attivitajiet ghat-Tfal, Laqgha t'Informazzjoni dwar il-gnien li qed taghmel l-MTA **(Ara Dok. H, I, J u K).**

3.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jigu kkancellata zewg decizjonijiet li l-Kunsill kien ha biex jinkitbu ittri lill-Luxol Sports Club (46/5887/11/O) u ohra lill-Agenzija Appogg (46/6016/11/O). **(Ara Dok. L u M)**

3.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

3.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 3.

4.02. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li flimkien mal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienu attendew il-Kungress Annwali tal-Kunsilliera organizzat mill-AKL li sar il-Meridien Hotel.

4.03. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li flimkien mal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienu attendew ghall-Konferenza Stampa organizzata mis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Demarco li vara l-progett tal-gnien ta' Pembroke fiz-zona tal-lukandi u Pembroke Athleta.

4.04. Is-Sindku Joe Zammit irringrazzja lill-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat li flimkien hadu hsieb l-attivita' li saret ghall-anzjani, ghalkemm dan mhux parti mid-dikasteru taghhom. Il-kelliem qal li ghal xi hin attenda huwa wkoll.

4.05. Is-Sindku Joe Zammit qal li flimkien mal-Kunsillier Joe Brincat fil-jiem li ghaddew hadu sensiela ta' ritratti tal-hsarat li ghamlet karozza ta' l-Arriva meta nhar is-Sibt 3 ta' Dicembru dahlet f'San Patrizju u wehlet fid-dawra mad-dar tas-sinjura Antoinette Carr. Il-kelliem qal li saret hsara fejn intlaqat hajt u twaqqa' 3 metri hajt, tkisret il-kurduna ta' quddiem Mrs. Carr, intlaqat l-arblu tad-dawl wara l-appartament tal-Kunsillier Joe Brincat u tkisret il-kantuniera ta' fejn joqghod il-Kunsillier Joe Brincat. Il-kelliem qal li marru jaghmlu rapport l-Ghassa tal-Pulizija San Giljan fejn is-Surgent talbitu r-ritratti li kienu hadu kif ukoll stima tal-hsarat li saru. Ghalhekk il-kelliem qal li kien ikkomunika mal-J&K Contractors Ltd. biex jaghmel stima kif ukoll sar komunikat mal-Korporazzjoni Enemalta biex jaghmlu spezzjoni ta' l-arblu. Finalment il-kelliem qal li ladarba l-Kunsill ikollu l-informazzjoni, din ser tintbaghat lill-Pulizija.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-17 ta' Novembru u s-7 ta' Dicembru 2011 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/6758/11/I** 14/11/2011 Email minghand Ms. Laura Dulinski fejn informat lill-Kunsill li mhux ser taghmel il-work placement mal-Kunsill minhabba li sabet post iehor izda baghtet covering letter u cv ta' persuna ohra bl-isem ta' Ms. Delrot Aurelie li tixtieq taghmel il-work placement mal-Kunsill.

**46/6824/11/I** 16/11/2011 Email minghand Ms. Delrot Aurelie tinforma lill-Kunsill li tixtieq taghmel il-work placement mal-Kunsill bejn is-7 ta' Mejju u 7 ta' Lulju 2012.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6758/11/I u 46/6824/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet biex il-Kunsill japprova din it-talba ta' Ms. Delrot Aurelie.

6.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6774/11/I** 15/11/2011 Ittra minghand Ms. Mary Mazzitelli tinforma lill-Kunsill li jekk il-Kunsill jaggudika l-kuntratt tal-knis lilha, hija qed toffri li minghajr hlas toffri s-servizz ta' Bulky Refuse ghal tul il-kuntratt kollu kif ukoll li jekk tinghata x-xoghol ser timpjega maghha lis-sur Karmenu Mazzitelli u lis-sur Joseph Caruana.

6.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6774/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6792/11/I** 15/11/2011 Kwotazzjoni minghand Great Dane & Dynasty Restaurant ghall-attivita' ghall-prezz ta' €3.50 il-persuna.

6.06. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6792/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jirratifika din l-approvazzjoni minhabba li fl-ahhar laqgha, ghalkemm kienet ghall-approvazzjoni tal-Kunsill, ma kienx hemm hin biex tkun diskussa.

6.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li meta jkun hemm cirkostanzi simili, id-decizjoni ghandha tittiehed bejn laqgha u ohra, kif fil-fatt sar, b'konsultazzjoni mal-Kunsilliera.

6.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6804/11/I** 15/11/2011 Stima minghand Zarb Coaches Ltd. ghal servizz ta' trasport bejn Pembroke u l-Mellieha u lura ( attivita' ta' l-anzjani) ghall-prezz ta' €118.00 inkluz il-Vat.

**46/6814/11/I** Stima minghand Koptaco ghal servizz ta' trasport bejn Pembroke u l-

16/11/2011 Mellieha u lura ( attivita' ta' l-anzjani) ghall-prezz ta' €76.70 inkluz il-Vat.

6.09. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6804/11/I u 46/6814/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jirratifika din l-approvazzjoni ta' Koptaco minhabba li fl-ahhar laqgha, ghalkemm kienet ghall-approvazzjoni tal-Kunsill, ma kienx hemm hin biex tkun diskussa.

6.10. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6816/11/I** 16/11/2011 Email li s-Sindku Joe Zammit ircieva minghand l-ECAD dwar Youth In Europe li ser jinzamm fid-19 ta' Jannar 2012 fi Stockholm, Svezja.

**46/7118/11/I** 01/12/2011 Email mis-Sindku Joe Zammit fejn talab biex l-email li rcieva mill-ECAD nibghatuha lill-Kunsilli li huma membri fl-ECAD dwar il-laqgha li ser issir gewwa Stockholm fid-19 ta' Jannar 2012.

6.12. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6816/11/I u 46/7118/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dawn kienu ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6818/11/I** 16/11/2011 Email minghand Ell's Urban Services jinforma lill-Kunsill l'accetta li jestendi l-kuntratt sa l-ahhar ta' Dicembru 2011.

6.13. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6818/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6828/11/I** 16/11/2011 Memo 114/2011 minghand id-DGL dwar Tahrig ghal Ideat Innovattivi fl-Applikazzjonijiet tal-Progetti Kofinanzjati mill-EU li ser isir nhar is-Sibt 3 u l-Erbgha 7 ta' Dicembru 2011.

6.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6828/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6836/11/I** 16/11/2011 Email minghand ir-Regjun Tramuntana jitlob hlas ta' €321.55 minghand il-Kunsill ghal xiri ta' bandiera u arblu biex jitpoggew fir-Regjun.

6.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6836/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jiddiskuti din il-materja wara l-Budget ghas-sena 2012, halli l-Kunsill ikun jaf x'finanzi ghandu.

6.16. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

***6.18. Il-Kunsillier Lauro Fava wasal fil-6.30pm.***

**46/6852/11/I** 17/11/2011 Kopja ta' email li J&K Contractors Ltd. baghtu lill-Perit Kevin Fsadni fejn b'riferenza ghall-istima tal-bankina ta' Triq F.X Caruana talab jibghatlu l-istruzzjonijiet precizi dwar x'ser isir.

6.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6852/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex, din il-bicca xoghol flimkien m'ohrajn, ikun hemm decizjoni fuqhom wara li jintghazel min se jkun il-Perit il-gdid tal-Kunsill.

6.20. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6874/11/I** 18/11/2011 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali s-Sur Joseph Azzopardi ufficjali fil-Monitoring Unit fejn baghat l-email irrangata b'riferenza ghall-partecipazzjoni tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fid-diskussjoni u decizjoni ta' tender numru 8/2011 fejn informa l-Kunsill li m'ghandux jippartecipa.

6.22. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6874/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6883/11/I** 18/11/2011 Artiklu fuq il-gazzetta n-Nazzjon ta' nhar il-Gimgha 18 ta' Novembru 2011 dwar il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli li m'ghadux jirraprezenta lill-Partit Laburista fil-Kunsill.

**46/6892/11/I** 21/11/2011 Artiklu fuq il-gazzetta l-Kullhadd ta' nhar il-Hadd 19 ta' Novembru 2011 rigward il-pozizzjoni tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli li m'ghadux jirraprezenta lill-PL u ghaliex ma jaqbilx ma dak li gie ippubblikat fin-Nazzjon.

**46/6893/11/I** 21/11/2011 Artiklu iehor fuq il-gazzetta l-Kullhadd ta' nhar il-Hadd 19 ta' Novembru 2011 taht s-sezzjoni Rajt ma Rajtx fejn hemm paragrafu dwar d-decizjoni mill-PL ghaliex il-kunsillier Alfred Mazzitelli ma jibqax jirrapprezenta lill-Partit Laburista fil-Kunsill.

**46/6895/11/I** 21/11/2011 Email minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn baghtet kopja t'artiklu li dehru fuq il-gazzetti Malta Today u l-Kullhadd dwar il-kaz tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

**46/6987/11/I** 21/11/2011 Email minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn baghtet kopja t'artiklu li dehru fuq il-gazzetta n-Nazzjon dwar il-kaz tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

**46/6898/11/I** 21/11/2011 Email minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn baghtet artiklu li deher fuq il-gazzetta n-Nazzjon ta' nhar is-Sibt 19 ta' Novembru dwar il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli bl-artiklu jghid 'Il-Labour jaghti kenn lil min jonqos b'mod gravi fil-hajja pubblika'.

6.23. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6883/11/I, 46/6892/11/I, 46/6893/11/I, 46/6895/11/I, 46/6987/11/I u 46/6898/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dawn kienu kollha ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6905/11/I** 21/11/2011 Email minghand l-AKL fejn informaw lill-Kunsilli li jekk sa l-ahhar ta' Frar 2012 ma jsirx ir-reinstatement fit-toroq wara li jkun sar xoghol mill-WSC se tkun il-WSC li se tqabbad kuntratttur taghha biex jaghmel ix-xoghol u talab lill-Kunsilli sabiex jinfurmaw lill-WSC jekk beda jsir xi xoghol.

6.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6905/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex dan ix-xoghol isir wara li jintghazel il-kuntrattur tal-patching.

6.25. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6908/11/I** 21/11/2011 Email minghand il-Verdala International School fejn informaw lill-Kunsill li l-Gimgha li ghaddiet vettura bi number plate CAT215 baqghet diehla fic-centre strip u ghamel hsara fil-pole ta' tabella li hemm imwahhla u baqa'

sejjer.

6.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6908/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex meta jkun hawn kazi simili, il-Kunsill ghandu jinforma lill-Pulizija mill-ewwel u jittiehdu ritratti tal-hsara fejn ikun hemm bzonn kif ukoll tingieb stima biex tinghata lill-Pulizija mar-rapport.

6.28. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6984/11/I** 23/11/2011 Kwotazzjoni minghand l-Eden Cinema ghall-wiri ta' film ghat-tfal fi zmien il-Milied.

6.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6984/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova l-kwotazzjoni ta' Eden Cinema.

6.31. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6987/11/I** 23/11/2011 Email minghand Transport Malta fejn is-Sur Josie Brincat talab laqgha mal-Kunsill nhar il-Hamis 1 ta' Dicembru 2011 fis-1.00pm u talab konferma.

6.33. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6987/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.34. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li s-Sur Josie Brincat kien infurmah li fejn ma jkunx hemm kantuniera normali, imma forma ta' skorfina, il-Kunsill ghandu jimmarka l-5 metri kif indikat minn TM u f'kaz li ma jkunx hemm ta' l-anqas metru minn kull naha tal-bankina, il-Kunsill ghandu jitlob il-permess ta' TM, biex il-linji jkunu jistghu jigu estiza. Fil-kaz ta' Triq Dun Amabile Sisner, il-kelliem qal li s-sur Brincat irrimarka wkoll li jekk ikun hemm talba minghand ir-resident, ghandu jigi mmarkat ukoll il-metru minn kull naha tal-koxxa tal-garaxx.

6.35. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill, jekk m'hemmx spazju bizzejjed, japplika ma' TM ghal estenzjoni tal-metru minimu.

6.36. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.37. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7015/11/I** 24/11/2011 Email minn Montenegro fejn informaw lill-Kunsill li ghall-habta ta' nofs Dicembru ghandhom il-hsieb li tigi delegazzjoni minn Cetinje Montenegro f'Malta u talbu jekk dan il-perjodu hux tajjeb ghall-Kunsill u talbu biex nipproponu agenda taz-zjara. Talbu li peress li Montenegro huma applikanti kandidati ghall-membru tal-UE li jsiru laqghat f'dan l-ispirtu.

6.38. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7015/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex dawn jigu nfurmata li jekk iridu jigu, dawn iridu jhallsu l-ispejjez kollha huma, li l-Kunsill Lokali Pembroke jipprovdi biss trasport mill-airport sal-lukanda u lura, li l-Kunsill jiehu hsieb li jorganizza laqghat mal-Prim Ministru, mas-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said, mal-MEUSAC, mal-GRTU, mal-Kap ta' l-Oppozzizzjoni, mal-Kunsill Lokali Pembroke u jekk ikun hemm cans ma' l-Ecc. Tieghu l-President ta' Malta u dan fid-dawl li fil-bidu ta' din is-sena huwa kien fuq zjara ufficjali fil-Montenegro. Il-kelliem ippropona ukoll biex l-Onorarja li huwa kien irrinunzja li jiehu biex jikkumpensa lura lill-Kunsill ghal hlas zejjed li kien inghata s-

sena li ghaddiet, ghandha tintuza ghal din iz-zjara biex tkopri l-ispejjez ghat-trasport.

6.39. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.40. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7024/11/I** 24/11/2011 — Email minghand il-MEPA fejn baghtu lista ta' decizjonijiet datati 15, 16, 18, 22 u 23 ta' Novembru 2011. (PA 04887/10 – Elimination of garage in basement, provision of parking bay for night use only and sanctioning of fascia sign, retractable canopy and projecting sign to existing commercial premises.)

6.41. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7024/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7033/11/I** 25/11/2011 — Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill li la l-Vici Sindku u l-ebda persuna ohra li tissemma' fl-allegazzjonijiet jew li jista' jkollha nteress f'dak diskuss u aggudikat m'ghandha tkun prezenti waqt il-laqgha, la fuq il-mejda u lanqas mal-pubbliku.

6.42. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7033/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7037/11/I** 25/11/2011 — Email minghand is-Sur Stefan Engelbert fejn qed jilmenta li l-garr tieghu m'ghandux bir u l-ilma kollu tal-bejt tieghu niezel ghal fuq il-bankina taghhom fi Triq Gio Felice Inglott.

**46/7046/11/I** 28/11/2011 — Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghall-email tas-sur Engelbert informa lil Kunsill li mar fuq il-post u jirrizulta li hemm bzonn li ssir plastic drain kif saru f'toroq ohra.

6.43. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7037/11/I u 46/7046/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jinforma lir-resident koncernat biex jara li l-katusa tieghu ghandha tkun taht il-livell tal-bankina.

6.44. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li kull fejn hemm problemi simili, il-Kunsill ghandu jinforma lir-residenti koncernata biex jaraw li l-katusa ta' l-ilma taghhom ghandha tigi taht il-livell tal-bankina.

6.45. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7044/11/I** 28/11/2011 — Email minghand il-MEPA fejn informaw lill-Kunsill li l-applikazzjoni PA00841/10 ghal kostruzzjoni ta' sala ghal uzu tal-pubbliku giet imwaqqa' minhabba li l-Kunsill ma regax gedded l-applikazzjoni.

6.46. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7044/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.47. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ghandu jikkomunika ma' FTZ dwar il-possibilita' li jsir zvilupp ta' multi purpose learning centre.

6.48. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.49. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7060/11/I** 29/11/2011 — Email minghand is-sur Vince Borg fejn informa l-Kunsill li kemm ilhom li rrengaw il-parkegg ta' hdejn Blokk 10 Triq il-Battalja ta' Malta meta taghmel

**46/7121/11/I** 01/12/2011 — ix-xita qed jinzel kwantita' ta' ilma u jieqaf quddiem l-entratura tal-Blokk u talab ukoll biex il-Kunsill jikkunsidra li jitnehhew il-linji sofor mad-dawra tal-blokk ghax qed jehlu citazzjonijiet mill-gwardjani.

6.50. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7060/11/I u 46/7121/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex rigward l-ilma li qed ikun hemm quddiem Blokk 10, il-Kunsill ghandu jinforma lil TM biex issir spezzjoni u tirrimedja kif ukoll ippropona li ghandhom jitnehhew il-yellow lines li hemm mad-dawra tal-blokk biex ir-residenti ikollhom fejn jipparkjaw. Il-kelliem qal li l-unika linji li ghandhom jibqghu, wara l'issir verifika, ghandhom ikunu l-linji tal-kantunieri.

6.51. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.52. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7061/11/I** 29/11/2011 — Email minghand Ms. Ramona Cini fejn staqsiet jekk din is-sena l-Kunsill hux ser jorganizza l-attivita' tal-Christmas Father.

6.53. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7061/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet biex il-Kunsill jaghmel din l-attivita' nhar it-Tlieta 20 ta' Dicembru 2011 wara l-5.30pm, kif ukoll li fuq il-poster li ser jitqassam lir-residenti m'ghandu jitnizzel l-ebda dikasteru.

6.54. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.55. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.56. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ilmentat li l-kumpanija 3D mhux qed iqassmu il-materjal tal-Kunsill f'kull dar fosthom Blk 5 San Gorg, Triq il-Mediterran u Triq Dun Amabile Sisner fejn il-flyers thallew fuq il-parapetti minflok fil-letter box.

**46/7071/11/I** 29/11/2011 — Email minghand il-Melita plc fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex jitwahhal arblu wara hajt u fejn hemm pole ta' l-Enemalta fi Triq Salvatore Castaldi skond ir-ritratt anness.

6.57. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7071/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghat-talba tal-Melita plc.

6.58. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.59. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7072/11/I** 29/11/2011 — Email minghand l-iskola Primarja fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill fuq il-mixtla nformaw lill-Kunsill li huma jilqghu din l-inizjattiva u fil-fatt huma diga waqqfu 'gardening club' ghall-istudenti z-zghar u meta jrid il-Kunsill tinbeda.

6.60. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7072/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jinforma lid-Dipartiment MRRA li l-iskola Primarja tal-Lokal huma nteressata f'din l-inizjattiva edukattiva u ambjentali u li ser jigu mistiedna ghal-laqgha li ser issir nhar il-Gimgha 16 ta' Dicembru 2011.

6.61. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.62. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7091/11/I** 30/11/2011 — Kwotazzjoni minghand il-J&K Contractors ghal tiswija ta' hajt ta' skip bay fi

Triq l-Imhallef William Harding ghall-prezz ta' €24.60.

6.63. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7091/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill japprova dan ix-xoghol skond l-istima tal J&K Contractors Ltd.

6.64. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.65. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7092/11/I** 30/11/2011 Kwotazzjoni minghand il-J&K Contractors ghall-bini ta' hitan u tindif ta' kanal tax-xita fi Triq Tunis No 2 ghall-prezz ta' €540.92.

6.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7092/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill japprova dan ix-xoghol skond l-istima tal-J&K Contractors Ltd.

6.67. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.68. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7093/11/I** 30/11/2011 Kwotazzjoni minghand il-J&K Contractors ghal tiswija ta' hitan Triq ANZAC biswit Australia Hall ghall-prezz ta' €202.30.

6.69. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7093/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill japprova dan ix-xoghol skond l-istima tal-J&K Contractors Ltd.

6.70. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.71. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7094/11/I** 30/11/2011 Kwotazzjoni minghand il-J&K Contractors ghal tiswija ta' hajt u kurduna fi Triq il-Mediterran c/w mat-trejqa tal-Athleta ghall-prezz ta' €337.77.

6.72. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7094/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill japprova dan ix-xoghol skond l-istima tal-J&K Contractors Ltd.

6.73. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.74. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7095/11/I** 30/11/2011 Kwotazzjoni minghand il-J&K Contractors ghall-bini ta' hajt li hemm jifred il-parkegg ta' biswit Juno Flats u triq li minn Triq Tunis taghti ghal Juno Flats ghall-prezz ta' €1,505.80.

6.75. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7095/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill japprova dan ix-xoghol skond l-istima tal-J&K Contractors Ltd. eskluz ix-xoghol li ghandu x'jaqsam mat-tindif tal-haxix li ghandu jsir mill-kuntrattur Shawn Farrugia.

6.76. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.77. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7096/11/I** 30/11/2011 Kwotazzjoni minghand il-J&K Contractors ghal tiswija ta' hajt u tarag fi Triq Gioacchino Le Brun ghall-prezz ta' €171.

6.78. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7096/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill japprova dan ix-xoghol skond l-istima tal-J&K Contractors Ltd.

6.79. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.80. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.81. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jigu rrangati l-hitan imgarfa li hemm fi Triq Sir Luigi Preziosi madwar Blokk 5.

6.82. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.83. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7104/11/I** 30/11/2011 Memo 117/2011 mid-Dipartiment ghal-Gvern Lokali - Skema Nazzjonali ta' Ghajnuna ghal min hu fil-bzonn - Agenzija ghall-Pagamenti, Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali.

6.84. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7104/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet biex il-Kunsill jitlob li jkun jista' jippartecipa f'din l-iskema u jkun jista' jqassam dan il-materjal il-Kunsill stess, kif ukoll, li jekk ikun hemm il-htiega, il-Kunsill jipprovdi t-trasport.

6.85. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.86. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7106/11/O** 30/11/2011 Email lill-Membri tal-Kunsill b'riferenza ghall-kummenti tal-Vici Sindku fil-konfront tal-Kunsillieri fejn fuq talba verbali mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat biex isir rapport lill-bord ta' Governanza, il-Kunsill kien infurmat li jista' jsir dan kemm il-darba ssir rizoluzzjoni.

